MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Numru 613/2008

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 35767 (M);

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Lulju 2008 u fil-gimghat ta' qabel minn gewwa fabbrika fil-Villagg Industrijali ta' San Gwann u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. kkommetta serq ta' propjeta ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, tal-Matla Industrial Parts u terzi persni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-lok u dan ai termini tal-Artikolu 261, 264, 265, 267, 269 (d) u 279 (b) tal-Ligijiet ta' Malta;

2. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara u dan ai termini tal-Artikolu 325 (c) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U iktar talli sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi minnhu citati baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti;

Semghat lill-imputat jghid li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tinstema’ sommarjament;

Semghat xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet huma relatati ma’serq aggravat bil-valur u lok. Jirreferu ghal serqa minn fabbrika ga maghrufa bhala “Dedicated Micros” fiz-zona industrijali ta’ San Gwann. Dan jirrizulta anke mill-ammissjoni tal-imputat li rregistra fid-19 ta’ Frar 2014 (verbal relattiv in atti) liema ammissjoni hi volontarja u kkondizjonata u li l-imputat insista fuqha anke wara li nghata zmien jirrikonsidrha. L-imputazzjonijiet l-ohra jirrizultaw mix-xhieda u dokumenti in atti.

Stante li l-akkuzi jirrizultaw issibu hati hlief ghall-aggravju tas-serq “bil-lok” li palesament ma jirrizultax.

Rat l-Artiklu 261 (c), 279, 325 (c), 49, 50 u 17.

Tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artiklu 7 tal-Kap 446 ghall-tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Kap 446.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------